ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IT-TMIEN SENA IL-MALTI (L-ORALI) Il-ĦIN: 10 minuti

IL-KARTA TAL-ISTUDENT (KARTA 4)

4A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra **parti** minn din **is-silta**. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.*

Is-silta: Il-Kewkba li Qatgħatlu Xewqtu

Il-mogħdija kienet tidher kollha kkulurita, mimlija skart ta' tipi differenti: boroż, laned u biċċiet tal-karti taċ-ċikkulata. Ta' spiss kont tara xi kelb ixammem fid-dar tiegħu sabiex inaqqar xi fdalijiet! Kolombu ż-żrinġ ħassu mdejjaq ħafna li ħaddieħor kien qed iħammiġlu daru bla rażan. (par. 1)

Kien jisma' lil nannuh jgħid li meta fis-smewwiet tara kewkba tgħaddi tiġri, trid tgħid xewqa ġo qalbek u din x'aktarx li ma ddumx biex issirlek realtà. Għamel ġimgħa sħiħa jdum barra billejl forsi xi darba jinzerta din l-istilla, sakemm darba feġġet waħda waqt li kien qiegħed jipprova jgħodd kemm hemm kwiekeb jittawlu fuq il-wied. (par. 2)

Għaddiet kewkba sabiħa ħafna għaġġelija...Kif raha, għajnejh xegħlu. Qal ix-xewqa ġo qalbu u daħal jorqod għall-kenn. L-għada filgħodu, malli qam, kollox deher bħas-soltu. Instemgħu resqin grupp ta' tfal. Kienu bil-brieret u kellhom ħafna basktijiet tal-plastik f'idejhom. X'biża'! Dawn ġganti żgħar! Kien hemm minnhom li kellhom anke l-koppijiet f'idejhom! Imma... Stenna... Mhux biex jaqbdu lilu u lil sħabu ġew dawn, imma biex inaddfu l-wied! (par. 3)

Dawk il-passi beżżgħuh xi ftit, imma waranofsinhar reġa' waqa' l-kwiet. Mar idur, kif kien iħobb jagħmel, u ra dehra tal-ħolm tiegħu! Fil-mogħdija ta' taħt il-ħarrub kien jidher biss weraq ħamrani fl-art u ma kien hemm ebda skart ieħor! Xi ġmiel ta' dar u post! Mela l-kewkba semgħet il-ħolma tiegħu! Id-dar ta' Kolombu reġgħet ġiet post nadif, għalih u għall-kreaturi li jgħixu fil-wied. (par. 4)

Seta' jmur lura fejn l-ilma, taħt is-Siġra ta' Ġuda, biex jikteb din l-istorja fuq id-djarju tiegħu u jirringrazzja lill-kewkba billi jiktbilha poeżija talli semgħet xewqtu, li jitnaddaf il-wied minn persuni li għandhom għal qalbhom in-natura! (par. 5)

(Silta addattata minn *Sagħtar, Marzu 2009* ta' Amanda Busuttil)

4B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Taqbel ma' Kolombu li hawn min iħammeġ l-ambjent naturali bla rażan? Iddeskrivi x'ġieli rajt sabiex issaħħaħ l-opinjoni tiegħek.
2. Min taħseb li kienu t-tfal li marru jnaddfu l-wied? Taqbel mal-idea tagħhom? Għaliex?
3. X'inhuma l-iżvantaġġi tal-iskart fil-widien?
4. X'jista' jsir sabiex nevitaw li jkun hawn nies iħammġu l-widien?
5. Li kieku kont tmexxi lill-pajjiż, x'liġijiet tagħmel għal min jinqabad iħammeġ il-widien?

4Ċ: It-Taħdit 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Mal-eżaminatur ser tiddiskuti titlu **wieħed** minn dawn t'hawn isfel. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskursata. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-ħsibijiet tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.*

Agħżel bejn titlu **A jew B.**

A. Tkellem dwar x'tista' tagħmel int biex ikollna ambjent naturali aħjar.

JEW

B. Xi tfisser il-fraži `Bidla fil-Klima' u x'effetti għandha fuq il-bniedem?